**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 127/2021**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**(Spettur Andy Rotin)**

**-Vs-**

**JOSEPH GALEA**

**EMMANUEL DEGABRIELE**

**Illum, 23 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **JOSEPH GALEA**, ta' 30 sena, iben Salvina Galea, imwieled Pieta' nhar il-15 ta' Gunju, 1990, u li joqgħod nru.65, Triq ir-Rebbiegħa, Siggiewi, detentur ta' karta ta' l-identita' numru 293290M u **EMMANUEL DEGABRIELE**, ta' 31 sena, iben Peter u Marianna nee' Camilleri, imwieled Pieta' nhar it-12 t'Awwissu, 1989 u li joqghod Blk. 2 , Bieb A, Flat 6, Triq

Ramija, Siggiewi, detentur ta' karta ta' l-identita' numru 517289M, li ġew akkużati talli nhar il-11 ta' Jannar u / jew fil-jiem u/jew fil-gimgħat u jew fix–xhur ta' qabel, f'Malta, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li gew magħmula b'riżoluzzjoni wahda:-

1. Fil-lejl bejn l-10 u l-11 ta' Jannar, 2021, mill-fond nru 57, Triq Guze' Ellul Mercer, Dingli, ikkomettew serq ta' għadd ta' għodod w aċċessorji u fittings tal-kmamar tal-banju, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329,37), u bil-ħin, għad dannu tas-sur Ian Borg u/jew ta' xi persuna u /jew ta xi entita' jew entitajiet ohra;

2. Fil-lejl bejn it-8 u d- 9 ta' Jannar, 2021 minn garaxx fi Triq San Gwann, Kirkop ikkommettew serq ta' ghodda, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa w ghoxrin Ewro u sebgħa u tletin centezmu (€2329.37), u bil-ħin għad-dannu tas-sur Kenneth Borg u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra;

3. Fil-lejl bejn is-6 u s-7 ta' Jannar, 2021, minn sit ta' kostruzzjoni f'Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-ħniena, Qrendi, ikkommettew serq ta' musmar (jigger hammer) ta' mechanical escavator, liema serqa hija aggravata bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaga misruqa, għad-dannu tas-sur Alessandro Bonina u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra;

4. Fil-lejl bejn is-6 u s- 7 ta' Jannar, 2021, mill-fond Paul Farmhouse fi Triq il-Kappella ta' Santa Marija, il-Magħtab, limiti tan-Naxxar ikkomettew serq ta' għoddod, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Ewro u sebgħa w tletin ċentezmu (€2329.37), u bil-ħin

għad-dannu tas-socjeta’ AX Construction Ltd. u/jew ta’ xi persuna/i u/jew ta xi entita’ jew entitajiet oħra;

5. Nhar il-5 ta’ Jannar, 2021, għall-ħabta tas-2a.m, minn Triq il-Linja Attard, ikkommettew serq t’erbgħa (4) batteriji, tnejn minn vettura DAF LF45, numru tar-registrazzjoni LDH875, u tnejn minn fuq Isuzu Elf, numru tar-registrazzjoni DCP203, liema serq huwa aggravat bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Ewro u sebgħa w tletin ċentezmu (€2329.37) bil-ħin u bix-xorta tal-ħaga misruqa, għad-dannu tas-sur Justin Camilleri u/jew ta’ xi persuna/i u/jew ta’ xi entita’ jew entitajiet oħra;

6. Fil-lejl bejn 1-4 u 1-5 ta’ Jannar, 2021, minn fond bla isem u/jew numru fi Triq il-Faqqiegħ, Attard, liema fond kien fi stat ta’ rinovazzjoni, ikkommettew serq ta’ għodod, liema serqa hija aggravat bil-mezz, valur , li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.39), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaga misruqa, għad-dannu tas-socjeta’ Bricon Ltd. u/jew ta’ xi persuna/i u/ jew ta’ xi entita’ jew entitajiet ohra;

7. Finalment, nakkuzawhom wkoll talli irrendew rwiehom reċedivi ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta in segwitu t’ għadd ta’ sentenzi definittivi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta

Semgħet lil-imputati waqt l-eżami iwieġbu li mhux ħatja tal-akkużi;

Rat l-artikoli tal-liġi indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tat-30 ta’ Novembru 2022, li dwarhom tista’ tinstab ħtija, u ċioe’:-

1. Fl-artikoli 261(b)(c)(f), 263(a). 264(1), 265, 266, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
2. Fl-artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(a), 280(1)(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. Fl-artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(b), 280(1)(2), 281(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a), 280(1)(2), 281(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 271(g), 278(1)(2)(3), 279(a), 280(1)(2), 281(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 15A, 17, 18, 20, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet liż-żewġ imputati fis-seduta tad-9 ta' Frar 2023 jiddikjaraw illi ma għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat u deċiż bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Rat l-atti kollha;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Jannar 2023 li permezz tagħha ċaħdet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tixhed Dr. Marisa Cassar li kienet imqabbda mill-Pulizija bħala espert seroloġista *ex parte*, biex tixhed dwar ir-riżultanzi tal-eżamijijet li wettqet u r-riżultanzi tagħha;

Semgħet fl-udjenza tal-20 ta' April 2023 it-tqanqil da parti tad-difiza tal-imputat Emmanuel Degabriele tal-inammissibilita' tal-prova tad-dokumenti konsistenti f'*recording* ta' telefonata bejn l-istess imputat u Shanaia Camilleri, u t-traskrizzjoni relattiva Dok. KV2 esebita fil-11 ta' April 2022, u dan għaliex, kif ġie sottomess mid-

difiża, din il-prova hija maħsuba biex tipprova konfessjoni extra-ġudizzjarja tal-imputat li saret, *multo magis*, f'telefonata bejnu u bejn il-koabitant tiegħu;

Semgħet ukoll it-tqanqil da parti tad-difiza tal-istess imputat Emmanuel Degabriele dwar il-kwistjoni tal-inammissibilita' bħala prova tas-CD kontenenti l-istqarrija awdjo-viżwali tal-istess imputat u t-traskrizzjoni tal-istess (Dok. KV4) esebita fit-23 ta' Settembru 2021;

Rat id-digriet tagħha mogħti fis-seduta tal-14 ta' Ġunju 2023 li permezz tiegħu iddikjarat illi sejra tippronunzja ruħha dwar it-talbiet tal-imputat Emmanuel Degabriele fis-sentenza u mhux qabel permezz ta' xi deċiżjoni parzjali, u ordnat il-prosegwiment tas-smigħ tal-provi tal-difiża;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2023 kif awtorizzat b'digriet mogħti fl-istess seduta;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli difensuri rispettivi tal-imputati fl-istess seduta tat-18 ta' Settembru 2023;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi ż-żewġ imputati jinsabu mixlija b'diversi kapi ta' serq aggravat, liema serqiet qed jiġi allegat li ġew kommessi fil-perijodu bejn l-4 ta' Jannar 2021 u l-11 ta' Jannar 2021. Qegħdin jiġu mixlija wkoll bħala reċidivi.

Il-Prosekuzzjoni, kif ġie sottomess minnha fin-nota ta' sottomissjonijiet u kif del resto jemerġi minn eżami tal-atti u l-provi proċesswali, torbot dawn is-serqiet kollha mal-imputati espressament għaliex fl-ewwel lok, meta kienu allegatament nqabdu jisirqu minn ġewwa żewġ binjiet taħt kostruzzjoni ġewwa Triq San Edwardu, Ħal Qormi fl-

14 ta' Jannar 2021, u ġew arrestati fuq il-lok, fuq il-post instab vettura tal-marka Kia Avella li minnha ġie identifikat xi *res furtiva* provenjenti minn waħda mis-serqiet li jinsabu akkużati dwarhom fil-proċeduri odjerni[1]. Il-Prosekuzzjoni, kif stqarret ukoll fis-sottomissjonijiet finali tagħha, xliet lill-imputati bis-serqiet kollha elenkati fiċ-ċitazzjoni mhux abbażi ta' provi diretti jew għaliex l-imputati ġew identifikati minn xi xhud okulari jew prova diretta oħra bħala l-awturi tas-serq, iżda għaliex issostni li fuq il-vettura Kia Avella li jidher li kienet konnessa mas-serqa ġewwa Ħal Qormi fl-14 ta' Jannar 2021[2], instabu pjanċi ta' vettura oħra, Chevrolet Kalos bin-numru ABS 945 li kienet inxtrat mill-imputat Joseph Galea fil-31 ta' Ottubru 2020 mingħand Josmar Borg. Hu ppruvat mix-xhieda ta' Josmar Borg li din il-vettura bil-pjanċi bin-numru ABS-945 inbiegħet lill-imputat Joseph Galea fil-31 ta' Ottubru 2020[3].

Il-Prosekuzzjoni ssostni wkoll li din l-istess vettura dehret fl-akkwati ta' Triq Guze Ellul Mercer, Ħad Dingli fil-ħin approssimattiv tas-serqa li twettqet fil-lejl bejn l-10 u l-11 ta' Jannar 2021, addebitat fl-ewwel imputazzjoni, kif ukoll għaliex fl-istess vettura Kia Avella instab *res furtiva* provenjenti mill-istess serqa msemmija[4].

Magħdud dan il-prova, skont il-Prosekuzzjoni, konsistenti f'ammont ta' oġġetti misruqa mil-lok tas-serqiet addebitati fl-ewwel, it-tieni, ir-raba' u s-sitt imputazzjonijiet, li nstabu fil-pussess tal-imputat Emmanuel Degabriele[5] u jew terzi persuni li xehdu li xtrawhom mingħandu[6], u l-ammissjoni tal-istess imputat illi kien xtara l-oġġetti derubati mingħand il-ko-imputat Joseph Galea. Imbagħad, fir-rigward tas-serqiet addebitati lill-imputati fl-imputazzjonijiet bin-numru 3, 5 u 6 fiċ-ċitazzjoni, il-Prosekuzzjoni stqarret li identifikathom bħala l-awturi ta' dawn is-serqiet minħabba li l-vettura tal-għamla Mini Copper convertible li tidher f'filmati ta' CCTV cameras li

---

[1] L-ewwel imputazzjoni – serqa mill-fond 57, Triq Guze Ellul Mercer, Ħad Dingli.
[2] Ara xhieda tal-Ispettur Roderick Agius, 3 ta' Marzu 2022 u ritratti f'paġna 283 sa paġna 291 tal-atti proċesswali formanti parti minn Dok. X, rapport ta' PS 1331 Darren Debattista u PS 586 Mario Azzopardi.
[3] Ara xhieda ta' Josmar Borg, 3 ta' Marzu 2022, u ftehim Dok. JB1.
[4] Ara xhieda tal-Ispettur Roderick Agius, 3 ta' Marzu 2022 u ritratti formanti parti minn Dok. X, f'paġna 296 u 297 tal-atti proċesswali.
[5] Ara seizure note Dok. JM2, paġna 45 tal-atti proċesswali.
[6] Ara seizure note Dok. JM4, ta' oġġetti elevati mill-pussess ta' Mahmoud Hamd.

nġabru fl-investigazzjonijiet dwar dawn is-serqiet jirriżulta li hija simili ħafna għal dik li ġiet akkwistata mill-imputat Joseph Galea mingħand ċertu Julian Cucciardi.

Fir-rigward, Julian Cucciardi xehed quddiem il-Qorti illi huwa kien biegħ lill-imputat odjern Joseph Galea, bi tpartit ma' vann Toyota, vettura tal-għamla Mini Cooper convertible ta' lewn griż bil-faxxi ħomor, liema vettura kien xtraha mingħand wieħed barrani bil-pjanċi tal-Ingilterra iżda kien biegħha lill-imputat mingħajr pjanċi. Xehed ukoll illi in segwitu, xi ġimgħa biss wara li kien biegħ il-vettura Mini Cooper lil Joseph Galea, kien raha taħt il-pont fil-wied bejn Ħaż Zebbuġ u s-Siġġiewi bi pjanċi bl-ittri ABS iżda ma ftakarx in-numri tal-pjanċa. Fil-vettura ra wkoll musmar tal-hymac.

Ġew esebiti *recordings* ta' żewġ telefonati li saru mill-imputat Emmanuel Degabriele waqt li kien taħt kustodja fit-Taqsima Forensika fl-Isptar Monte Karmeli fis-26 ta' Jannar 2021 fil-17:45h u 17:56h, lin-numru telefoniku 27662351. Il-Prosekuzzjoni ssostni li dawn it-telefonati saru mill-imputat Emmanuel Degabriele lis-sieħba tiegħu, Shanaia, u li fihom jintqal li huwa kien bi ħsiebu "*inkellem lill-Ispettur u nammetti l-każ u nsemmi lil Noel, li huwa kien iqabbadni, Noel kien jixtri l-affarijiet hu kien jibgħatni għalihom*", u semma xi għodda bħal ġakkijiet tal-armar u jigger li kienu għall-bejgħ. Semma' wkoll driller isfar u driller ieħor tad-ditta Milwaukee li kienu għall-bejgħ u wkoll kienu għall-bejgħ.

Ikkunsidrat;

L-imputati ġew interrogati darbtejn kull wieħed mill-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet qabel tressqu quddiem il-Qorti akkużati bis-serqiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni.

L-imputat Joseph Galea għażel li ma jwieġeb għal ebda domanda fiż-żewġ interrogazzjonijiet li sarulu fl-24 ta' Jannar 2021 u fis-27 ta' Jannar 2021[7].

Da parti tiegħu, l-imputat Emmanuel Degabriele irrilaxxa żewġ stqarrijiet lill-Pulizija, waħda fl-24 ta' Jannar 2021 u oħra fis-27 ta' Frar 2021. Dawn iż-żewġ stqarrijiet ġew rilaxxati wara li l-imputat fiż-żewġ okkażjonijiet, ingħata t-twissija espressa li għandu d-dritt tas-silenzju u li dak kollu li jgħid jista' jinġieb bħala prova f'xi proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu[8], u rrinunzja espressament għad-dritt tal-assistenza legali[9].

Għalhekk, l-eċċezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-istqarrija tal-imputat (CD Dok. KV4) m'hijiex f'lokha għaliex huwa ngħata t-twissijiet u d-drittijiet kollha spettanti lilu qabel irrilaxxa xi stqarrija waqt l-interrogazzjonijiet li sarulu mill-Pulizija.

Mill-ewwel stqarrija li ġiet rilaxxata minn Emmanuel Degabriele jirriżulta illi fid-19 ta' Jannar 2021 meta ġie arrestat, kif ukoll fl-24 ta' Jannar 2021 huwa kien ħa lill-Pulizija f'garaxx ġewwa 34, Triq Mons. Anton Cilia, Ħaż Żebbuġ fejn instabu diversi għodod fosthom żewġ kaxxi tal-għodda, tliet batteriji kif ukoll driller li lkoll ġew elevati mill-Pulizija. Dawn l-għodod huwa stqarr li xtrahom kollha mingħand Joseph Galea. Għalkemm aċċetta li ġieli kien ikun ma' Joseph Galea, ċaħad li kien involut fis-serqa minn ġewwa Ħad Dingli jew li kien fuq il-post ma' Joseph Galea. Kwantu għall-għodda u oġġetti oħrajn li nstabu fil-garaxx tiegħu u li kienu nsterqu mill-fond ġewwa 57, Triq Ġużè Ellul Mercer, Ħad Dingli, huwa qal li dawn ukoll kien xtrahom mingħand Joseph Galea għajr għal vacuum cleaner domestiku li kien tahulu b'xejn.

Fit-tieni stqarrija rilaxxata minnu, Emmanuel Degabriele stqarr illi l-għodda kollha li kien ibiegħ fuq il-Monti, inkluż batteriji, kien xtrahom mingħand Joseph Galea iżda għalkemm kien ipprova jbiegħlu musmar tal-hymac, ma kienx aċċetta li jixtrih għaliex kien oġġett kbir u goff li ma kienx jgħodd għalih. Qal ukoll li Joseph Galea ġieli kien

[7] Traskrizzjonijiet ta' żewġ stqarrijiet, Dok. KV3 u Dok. KV5.
[8] Ara **paġna 369 u paġna 409** tal-atti proċesswali.
[9] Dok. JM10 u Dok. JM13, dikjarazzjonijiet ta' rifjut tal-jedd għal parir legali.

iċempillu bil-lejl jekk kien ikollu xi ħaġa biex ibiegħlu u dwar l-oġġetti li jirriżulta li kienu nsterqu mill-fond ta' Ian Borg ġewwa Ħad Dingli, Emmanuel Degabriele qal li kien xtrahom mingħand l-istess Joseph Galea. Afferma wkoll li Noel is-Sirjan[10] kien jiġi fuq il-Monti u ġie li kien jixtri għodda mingħandu u fir-rigward tal-vettura Kia Avella, ikkonferma li din hija ta' Joseph Galea u kien rikeb xi darba fiha iżda qatt ma rikeb fil-Mini Cooper.

Hawnhekk irid jingħad illi dak kollu li ġie mistqarr mill-imputat Emmanuel Degabriele, inkluż għalhekk l-istqarrija li l-għodda kollha li nstabu mill-Pulizija fil-pussess tiegħu kien xtrahom mingħand il-ko-imputat Joseph Galea, jgħodd bħala prova fil-konfront tiegħu biss. Huwa prinċipju fondamentali tal-proċedura kriminali illi dak li jgħid l-akkużat fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor, ma jistax jitqies bi preġudizzju jew favur il-persuna l-oħra li wkoll tinsab akkuzata bl-istess reat. Fi kliem iehor, dak li tgħid persuna akkuzata jgħodd biss fil-konfront tagħha. Dan il-prinċipju huwa rispekkjat fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 660 tal-Kap. 9 li jipprovdu li konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.

Għalhekk, dak li jgħid ko-akkuzat ma jista' la jibbenefika u lanqas jippreġudika ko-akkużat ieħor[11]: in tema ingħad:-

"*... hu ovvju li ladarba l-appellanti u Tarek Ayari kienu ko-imputati u akkuzati bl-istess reat, mhux biss l-istqarriji taghhom rispettivi ma setghux jaghmlu prova kontra l-ko-imputat/a imma lanqas ix-xhieda li taw quddiem l-Ewwel Qorti ma setghu jitqiesu bhala prova fil-konfront tal-ko-imputat jew ko-imputata l-ohra. Ghalhekk hawn non si tratta tal-htiega o meno ta' korroborazzjoni kif donnha induciet lil Qorti biex tghid zbaljatament id-difiza tal-appellanti fit-trattazzjoni taghha – zball tad-difiza wkoll ripetut fir-rikors tal-appell – imma ta' prova li ma tistax tittiehed in*

[10] Skont il-Prosekuzzjoni, Noel is-Sirjan huwa Mohammed Hamd, iżda dan ma jirriżultax mix-xhieda tal-istess Mohammed Hamd quddiem il-Qorti.

[11] **Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' April 1992.

*konsiderazzjoni mill-Qorti, ghax dak li jixhed ko-imputat ma jiswiex bi prova la favur u lanqas kontra ko-imputat iehor*"[12].

Dan il-prinċipju ġie riaffermat konsistentement; per eżempju fis-sentenza tal-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omissis u Jeremy Farrugia**, deċiża fit-23 ta' Mejju 2001, ingħad:-

"*... r-regola ... li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz ...*"

Ikkunsidrat;

Illi qabel xejn il-Qorti sejra tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar uħud mill-provi li fuqhom il-Prosekuzzjoni espressament issejjes il-każ tagħha.

In kwantu għas-serqa li ġiet kommessa fl-14 ta' Jannar 2021 f'Ħal Qormi, evidentement din m'hijiex waħda mis-serqiet li dwarhom l-imputati qegħdin jiġu mixlija fil-proċeduri odjerni quddiem din il-Qorti. Fil-fatt, jirriżulta illi l-imputati qegħdin jiġu prosegwiti dwarha fi proċeduri kriminali separati[13] liema proċeduri għadhom pendenti tant illi l-Qorti ma għandhiex quddiemha xi prova dwar il-kundanna o meno tal-imputati jew wieħed minnhom fir-rigward ta' dan id-delitt. Għalhekk, l-imputati għadhom preżunti innoċenti u ma jistax jingħad b'mod konklussiv li tassew kienu serqu mil-lok indikat ġewwa Ħal Qormi u jew li l-vettura Kia Avella li nstabet fuq il-lok, kienet qed tintuża minnhom fl-imsemmija serqa.

---

[12] **Il-Pulizija vs Saada Sammut et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Novembru 2006.
[13] Ara xhieda Spettur Roderick Agius, 3 ta' Marzu 2023 u xhieda tal-Ispettur Joseph Mercieca, 18 ta' Marzu 2021.

Għal dak li jikkonċerna t-telefonati Dok. CZ1 li jinsabu traskritti f'Dok. KV4, id-difiża tikkontendi li l-prova tar-*recording* ta' dawn it-telefonati u t-traskrizzjonijiet relattivi, m'hijiex ammissibbli għaliex ir-*recording* hija maħsuba biex tagħmel prova dwar konfessjoni estra-ġudizzjarja tal-imputat iżda ittieħdet ad insaputa tiegħu u mingħajr is-salvagwardji meħtieġa skont il-liġi, minbarra l-fatt li t-telefonati saru lis-sieħba tal-imputat li hija wkoll il-koabitant tiegħu li mhijiex xhud li tista' tinġieb bħala xhud tal-Prosekuzzjoni.

Fl-ewwel telefonata, li fiha l-imputat Emmanuel Degabriele jgħid li kien bi ħsiebu "*jammetti l-każ*", il-Qorti tosserva illi għalkemm mhux ċar għal liema "*każ*" kien qed jirreferi, xejn ma jeskludi li kien qiegħed jirreferi għall-każ odjern, *multo magis* meta fiż-żmien li saru dawn it-telefonati, huwa kien diġa' ġie interrogat darbtejn mill-Pulizija in konnessjoni mas-serqiet mertu ta' dawn il-proċeduri u rrilaxxa żewġ stqarrijiet li jinsabu esebiti fl-atti proċesswali[14]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li din il-prova, fejn l-imputat evidentement qiegħed jagħmel stqarrijiet inkriminanti għalih meta kien qed jitqies mill-Pulizija bħala persuna suspettata fl-investigazzjonijiet dwar reati ta' serq ta' għodda li dwarhom ġie sussegwentement akkużat quddiem din il-Qorti, għandha titqies bħala dwar konfessjoni extra ġudizzjarja.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi kif jinsab enunċjat fl-artikolu 366E tal-Kodiċi Kriminali, persuni suspettati u akkużati għandu jkollhom id-dritt li jibqgħu siekta fir-rigward tar-reat kriminali li huma suspettati jew akkużati li wettqu u għandu jkollhom id-dritt li ma jinkriminawx ruħhom. Madankollu, is-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 366E jiddisponi espressament illi:-

*(2) L-eżerċizzju tad-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu m'għandux jimpedixxi lill-awtoritajiet kompetenti mill-ġbir ta' evidenza li tista' tinkiseb bl-użu ta' poteri leġittimi ta' kompulsjoni li l-eżistenza tagħhom hija indipendenti mir-rieda tal-persuni suspettati jew akkużati.*

[14] Traskrizzjonijiet Dok. KV2 u Dok. KV4.

Kif inhuwa risaput, il-privilegg kontra l-awto-inkriminazzjoni huwa mmirat primarjament biex jipproteġi d-dritt tal-akkużat li ma jixhedx u li jibqa' sieket f'kull stadju tal-proċess, u ma jestendix għat-teħid mingħandu ta' materjal li, għalkemm jista' jinkiseb bl-uzu ta' miżuri forzużi, jeżisti indipendentement mir-rieda tieghu u għall-użu ta' dak il-materjal fi proceduri kriminali. Fil-fatt, il-Qorti fehmet illi hawnhekk il-ħsieb tal-leġislatur kien sewwasew il-leġittimazzjoni tas-setgħat tal-Pulizija u tal-qorti għat-teħid ta' dawk il-kampjuni mill-persuna arrestata jew akkużata kif imsemmija fid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 355AV sa 355BA u l-artikolu 397 tal-Kap. 9. **Dan premess, u ġaladarba l-liġi tagħmilha pjuttost ċar li l-jedd kontra l-awto-inkriminazzjoni ma jestendix għal evidenza li tikkonsisti f'materjal li jista' jittieħed b'kompulsjoni mingħand il-persuna arrestata, jikkonsegwi neċessarjament illi dan il-jedd anqas ma jestendi għal evidenza li tikkonsisti f'dak li l-persuna arrestata tista' tgħid u tistqarr spontanjament u volontarjament mingħajr ma tkun qed tiġi interrogata minn xi awtorita' kompetenti jew imġiegħla tipproduċi xi evidenza inkriminanti**.

Għalhekk il-Qorti ma taqbilx illi l-Pulizija ma mxietx skont il-ligi jew ma mxietx ġustament fil-konfront tal-imputat Emmanuel Degabriele meta fil-kors tal-investigazzjonijiet tagħhom u fil-ġbir tal-evidenza, kisbet *recordings* ta' telefonati li għamel l-imputat minn ġewwa l-ħabs meta kien arrestat in konnessjoni ma' akkużi f'proċeduri separati. Inoltre, kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mid-difiża, għalkemm dawn ir-*recordings* tassew jitqiesu bħala privileġġ mogħti lill-persuna li tkun detenuta fil-ħabs, m'humiex privileġġjati sakemm ma jikkonsistux f'komunikazzjoni mal-avukat. Fuq kollox dawn it-telefonati u d-diskors li ntqal fihom, saru volontarjament u bil-konoxxenza pjena da parti tal-imputat li t-telefonati li jagħmel mill-ħabs jistgħu jkunu rikordjati. Kemm hu hekk, ir-regolament 59 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 260.03, jipprovdi:-

*(1) It-telefonati li jsiru mill-priġunieri għandhom ikunu skond il-ħtiġiet tas-sigurtà, dixxiplina u bon ordni fil-ħabs u għandhom jiġu kkunsidrati bħala privileġġ skond ir-*

*regolament 13. Kull telefon fil-ħabs għandu jkun mgħammar b'apparat li jimmonitorja u jirrikordja konversazzjonijiet, u d-Direttur jista'jawtorizza s-smigħ intenzjonali ta' dawk il-konversazzjonijiet biex jissalvagwarda membri tal-pubbliku jew is-sigurtà jew sigurezza fil-ħabs, jew biex jimpedixxi l-promozzjoni ta' xi attività illegali.*
*(2) Għandu jitwaħħal avviż fil-ħabs li jindika li kull konversazzjoni bit-telefon imsemmija fis-subregolament (1) tista' tiġi monitorjata jew irrikordjata.*

Għaldaqstant, il-prova tal-kontenut tat-telefonati li għamel l-imputat minn ġewwa l-ħabs ma ġietx ottjenuta bi ksur ta' xi liġi statutorja jew b'riżultat ta' leżjoni ta' xi dritt spettanti lill-persuna akkużata inkluż id-dritt li ma tinkriminax ruħha, u lanqas b'riżultat ta' xi mezzi li huma inġusti jew irregolari. Kemm hu hekk, imkien ma ġie allegat li l-imputat kien ġie żvijat dwar il-fatt li t-telefonati mill-ħabs jiġu rikordjati jew li kien imġiegħel biex jagħmel dawn it-telefonati u biex jgħid dak li jirriżulta li qal.

Blackstone, in propositu ta' konfessjonijiet li jinkisbu b'mod inġust jew oppressiv mingħand persuna akkużata, jikkummenta hekk:-

*In Sang [1980] AC 402, Lord Diplock said (at p. 437, emphasis added): ' save with regard to admissions and confessions and generally with regard to evidence obtained from the accused after commission of the offence, he [the trial judge] has no discretion to refuse to admit relevant admissible evidence on the ground that it was obtained by improper or unfair means'. The unfairness discretion was well established at common law with regard to confession evidence. In Houghton (1978) 68 Cr App R 197, Lawton LJ held (at p. 206) that* ***evidence 'would operate unfairly against an accused if it had been obtained in an oppressive manner by force or against the wishes of an accused person or by a trick or by conduct of which the Crown ought not to take advantage'****, and said that trial judges enjoyed a discretion to disallow such evidence. The discretion was recognised to exist, although it was infrequently exercised, with regard to breaches of the Judges' Rules (see, e.g., Voisin [1918] 1 KB*

*531; Lemsatef [1977] 1 WLR 812) and where a confession had been extracted following a period of unlawful detention (Hudson (1980) 72 Cr App R 163).*[15]

Madanakollu, fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, ma jirriżultax illi l-prova konsistenti fir-*recordings* tat-telefonati li saru mill-imputat Degabriele lil terzi persuni, minn ġewwa l-ħabs, inkisbu b'mod li huwa inġust u ta' preġudizzju fil-konfront tal-imputat jew b'xi qerq jew ksur tad-dritt tiegħu kontra l-awto-inkriminazzjoni, u għaldaqstant ma jistgħux jitqiesu li huma inammissibbli bħala prova.

Konsegwentement, it-talba tad-difiża biex id-dokumenti kontenenti r-*recordings* u traskrizzjoni tat-telefonati in diżamina[16] jitqiesu bħala provi inammissibbli, qiegħda tiġi miċħuda.

Iżda dan premess, u fl-istess waqt, bħala konfessjoni 'extra ġudizzjarja' li ma saritx quddiem il-Qorti jew awtorita' oħra ġudizzjarja jew investigattiva, il-Qorti hi tal-fehma illi konfessjoni ta' din ix-xorta tinneċessita provi korroborattivi biex tista' tissejjes ir-reita' u ma tistax tingħata piż probatorju sħiħ u assolut.

Fis-sentenza tat-3 ta` Dicembru 2004 mogħtija minn din il-Qorti fis-sede superjuri tagħha, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta` Malta vs Salvatore sive` Saviour Bugeja**, kien deċiż:

*"Issa hu accettat li kull dikjarazzjoni tal-akkuzat maghmula qabel, waqt jew wara l-att inkriminat tista' tingieb bhala prova kontra tieghu w l-konfessjoni li tkun saret volontarjament tista' tittiehed bhala prova tal-htija tieghu. Ta' spiss jinghad li l-konfessjoni tal-akkuzat hija l-prova regina. '.... Admissions or confessions to persons other than magistrates, if in writing, are proved as any other written instrument .. If made by parol, they are proved by parol evidence of some person who heard them. What a prisoner has been overheard to say to another, or to himself, is equally*

[15] *Blackstone's Criminal Practice* – 2012 Ed. 17.22 p. 2665.
[16] CD Dok. CZ1 u traskrizzjoni Dok. KV4.

*admissible; though it is evidence to be acted upon with much caution, as being liable to unintentionally misinterpreted by the witnesses. (Archbold page 376).*"

F'kull każ, bħala konfessjoni extra-ġudizzjarja japplikaw għaliha d-disposizzjonijiet tal-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali:

*Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-*miktub*, b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova* kontra jew favur min, skont kif ikun il-*każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.*

Fis-sentenza riċenti mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Tabone**[17], saret referenza għat-tagħlim tal-Professur Mamo fin-noti tiegħu dwar Procedura Kriminali (f'pagni 100-101) in materja ta' konfessjonijiet estra-ġudizzjarji:-

"*Extrajudicial Confessions are those were the defendant either expressly confesses his guilt or makes admission of facts from which his guilt may be implied, under any circumstances other than those described in respect of judicial confessions. They may be in writing or oral.*

*So that a confession may be received in evidence against the person who made it the law (sec.658) requires that it shall appear that such confession was made voluntarily and was not extorted or obtained by means of threats or intimidation, or of any promise or suggestion of favour. There is no presumption in law that a confession not free and voluntary is false; it is excluded on the ground that improper threats or promises may influence an accused or suspected person to say what is not true, and therefore a confession made in such circumstances cannot be safely acted upon.*

---

[17] Deċiża 25 ta' Novembru 2022.

*It is obviously right that a person knowing his guilt should, if he so wishes, confess at the earliest opportunity, and there is no reason why he should be discouraged from so doing. But the law requires that the confession shall have been made voluntarily and, in the practice of our courts, the prosecution must give affirmative 'prima facie' evidence that it was so made. The law says 'voluntarily' and not 'spontaneously'……*"

Qalet ukoll:-

*"Għalkemm dawn it-tip ta' konfessjonijiet allura huma ammissibbli bħala prova, madanakollu min irid jiġġudika jrid jimxi b'kawtela kbira meta jkun hemm ammissjonijiet li ma jsirux quddiem xi awtorita' investigattiva jew ġudizzjarja, fejn allura jrid isir stħarriġ mill-qorti dwar jekk hemmx evidenza oħra li hija kompatibbli o meno ma' tali konfessjonijiet u ċioe' jekk hemmx provi diretti jew provi indizzjarji univoċi li jagħtu is-saħħa lill-istqarrijiet extra-gudizzjarji inkriminatorji".*

Il-Qorti tqis illi ma hemm xejn iktar fil-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni illi tikkorrobora jew jissostanzja l-konfessjoni inkriminatorja tal-imputat li huwa sejjer jammetti l-każ, fi kliemu stess. L-imputat Emmanuel Degabriele f'ebda waqt matul l-interrogazzjonijiet tiegħu ammetta li huwa kkommetta s-serqiet addebitati lilu f'dawn il-proċeduri odjerni, jew li kellu xi involviment jew ta assistenza lil terzi biex jiġu kommessi dawn l-istess serqiet jew xi waħda minnhom. Magħdud dan il-fatt li l-imputat kif kellu kull dritt jagħmel, għażel li ma jixhidx quddiem il-Qorti u ma ressaq l-ebda prova għad-difiża tiegħu. Għaldaqstant, waħedha, il-konfessjoni tal-ħtija tiegħu kif jirriżulta mit-telefonati in diżamina, ftit li xejn tista' tingħata valur probatorju.

Barra minn hekk, Shania Camilleri, is-sieħba tal-imputat, għażlet li ma tixhidx f'din il-kawża u f'kull każ, a tenur tal-artikolu 635(1) tal-Kap. 9, ma setgħetx tinġieb xhieda favur jew kontra l-imputat fuq talba tal-Prosekuzzjoni. Ma jirrizultax mill-provi lil min jappartjeni n-numru 27662351 jew min kienu l-persuni li magħhom tkellem l-imputat fiż-żewġ telefonati in diżamina li t-traskrizzjonijiet tagħhom jinsabu esebiti fl-

atti[18] u għalhekk hi nieqsa l-prova dwar l-identita' ta' dawn il-persuni. Dan ifisser li għandha raġun id-difiża meta sottomettiet li l-indikazzjoni tal-isem 'Shania' fit-traskrizzjoni tat-telefonati, hija gratuwita.

Fir-rigward tal-persuna bl-isem 'Noel' li ssemmiet mill-imputat Emmanuel Degabriele fit-telefonati bħala persuna li kienet tixtri 'l-affarijiet' mingħand l-imputat, il-Qorti tosserva illi kuntrarjament għal dak li ġie allegat mill-Prosekuzzjoni, ma jirriżultax mill-provi li 'Noel' huwa tassew il-persuna ta' nazzjonalita' Sirjana, Mahmoud Hamd, li xehed quddiem il-Qorti. Għalkemm huwa minnu li l-imsemmi Mahmoud Hamd ikkonferma fix-xhieda tiegħu li kien xtara driller tal-marka Dewalt u chaser tal-marka Metabo mingħand l-imputat Degabriele, imkien ma qal li huwa magħruf lokalment bl-isem 'Noel' u lanqas ġie mistoqsi fir-rigward.

Dan kollu għall-Qorti jfisser illi t-telefonati li għamel l-imputat Emmanuel Degabriele minn ġewwa l-ħabs meta kien għadu taħt kustodja, ftit li xejn fihom valur probatorju awtonomu u iktar minn hekk, ma jirriżultax li fihom intqalet xi ħaġa ġdida b'żieda ma' dak li kien diġa' kkonfessa l-istess imputat nnifsu waqt l-interrogazzjonijiet tiegħu - kif jirriżulta miż-żewġ stqarrijiet minnu rilaxxati – ċioe' li kien jixtri għodda mingħand il-ko-imputat Joseph Galea biex ibiegħhom lil terzi. It-telefonati iservu biss biex jissostanzjaw il-fatt li, kif ġia' mistqarr mill-imputat Degabriele, huwa kien fil-pussess ta' numru ta' għodda li kien bi ħsiebu jbiegħ lil terzi persuni, u jissostanzjaw ukoll ix-xhieda ta' Mohammed Hamd bħala persuna li kien jixtri għodda fuq bażi regolari mingħand l-istess imputat.

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit u miżmum ferm dan kollu, il-Qorti sejra tifli l-provi u x-xhieda biex tistabbilixxi jekk il-Prosekuzzjoni rnexxielhiex tressaq provi li jikkonvinċu lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi l-imputati mixlijin quddiemha, jew xi ħadd minnhom, wettaq ir-reati addebitati lilhom fiċ-ċitazzjoni. Din iċ-ċertezza trid tinsilet minn

---

[18] Dok. KV2.

stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza u s-sottomissjonijiet kollha miġjuba u li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk. L-ordinament ġuridiku tagħna ma jeħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tigi instawrata f'moħħ il-ġudikant, iċ-ċertezza assoluta u huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li l-provi, anke jekk dawn jikkonstistu biss fi provi indiretti jew evidenża ċirkostanzjali, ikunu univoċi u ma jħallux lok għal dubju dettat mir-raġuni u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Jispetta għalhekk lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

1. **Serqa mill-fond 57, Triq Gużè Ellul Mercer, Dingli fil-lejl bejn l-10 u l-11 ta' Jannar 2021 a dannu ta' Ian Borg**

Ian Borg, sid il-fond ġewwa 57, Triq Ġuze Ellul Mercer, Ħad Dingli, xehed illi li fiż-żmien tas-serqa ma kienx għadu qed joqgħod f'din id-dar għaliex kien għadu qed isir xi xogħol ta' *finishes* fil-fond, fosthom tqegħid ta' madum, iżda d-dar kienet magħluqa. Fil-fatt, hu kien sab li l-parti t'isfel tal-bieb tal-garaxx tal-fond, li kien imbarrat bil-folji tal-injam u ġebel, kienet sgassata billi l-injam u l-ġebel instabu imċaqlaqin 'il ġewwa[19]. Ikkonferma illi nsterqu diversi għodod li huwa kien ħalla fil-post, b'valur komplessiv ta' iktar minn €13,000, iżda l-kaxxi tal-għodda kbar, *chaser* u *jigger* tad-ditta Makita u *chaser* ieħor tad-ditta Milwaukee, *vacuum cleaner* tad-ditta Metabo, *nail-gun*, rutelli u *spanners*, ġew rintraċċjati u ritornati lilu mill-Pulizija. Xehed ukoll li ħafna mill-għodod kienu mmarkati b'ismu ('Ian') mħażżeż fuqhom u fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti għaraf l-għodod li jidhru fir-ritratti immarkati minn 21ADS101 sa 21ADS112 formanti parti parti mir-rapport Dok. ED1, bħala għodod li nsterqu mill-fond tiegħu u li ġew ritornati lilu mill-Pulizija.

Jirriżulta li wħud minn dawn l-għodod ġew elevati mill-pussess ta' Emmanuel Degabriele li, skont kif xehed l-Ispettur Joseph Mercieca, kien ikko-opera mal-Pulizija

[19] Ara ritratti f'paġni 233, 234, 242, 244 u 245 tal-atti proċesswali, formanti parti mir-relazzjoni tal-esperti tax-xena tad-delitt maħturin fl-Inkjesta Maġisterjali, Dok. X.

waqt l-investigazzjonijiet tagħhom billi ħadhom ġewwa garaxx formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet ġewwa Triq Mons. Anton Cilia, Ħaż-Zebbuġ fejn minn hemmhekk il-Pulizija elevaw l-għodda li tġiet iffotografata minn PS 385 Emmanuel Dalli fir-rapport Dok. ED1.

Għodod oħrajn relatati mas-serqa ta' Ħad Dingli instabu fil-vettura Kia Avella li allegatament ntużat mill-imputati fis-serqa tal-14 ta' Jannar 2021 ġewwa Ħal Qormi. Dan ġie affermat mill-Ispettur Roderick Agius, li fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti għaraf l-għodda li tidher fir-ritratti immarkati 21ADS102 u 21ADS103 fir-rapport Dok. ED1, bħala għodda li ġiet elevata minn ġewwa l-vettura Kia Avella.

It-teżi tal-Prosekuzzjoni hi li l-vettura Kia Avella intużat miż-żewġ imputati fil-kommissjoni ta' serqa mhux relatata iżda li twettqet ftit ġranet biss wara s-serqa mill-fond 57, Triq Guze Ellul Mercer, Ħad Dingli. Fuq din il-vettura instabu pjanċi ta' vettura li kienet inxtrat mill-imputat Joseph Galea ftit tax-xhur. Skont il-Prosekuzzjoni, il-vettura Kia Avella tidher fil-filmati elevati minn CCTV cameras ġewwa Triq Guze Ellul Mercer Ħad Dingli, fil-ħin approssimattiv tas-serqa mill-fond ta' Ian Borg fil-lejl bejn l-10 u l-11 ta' Jannar 2021.

Il-Qorti rat il-filmati elevati minn Jonathan Mizzi, espert maħtur fl-Inkjesta Maġisterjali, minn CCTV cameras ġewwa t-triq tal-fond derubat, Triq Guże Ellul Mercer Ħad-Dingli[20]. Għalkemm tassew jidher vettura li **possibbilment iżda żgur mhux konklussivament** hija tal-għamla Kia Avella għaddejja darbtejn fit-triq, tipparkja quddiem ir-residenza fejn saret is-serqa u dan fil-ħinijiet ta' 07:38h u 08:02h[21], u jidher ukoll joħorġu minnha żewġ persuni mhux identifikati li l-movimenti tagħhom jidhru suspettużi, jibqa' dubju dwar l-għamla ta' din il-vettura u l-Qorti żgur ma tistax tistabbilixxi b'xi qies ta' ċertezza li din hija proprju Kia Avella. Wisq inqas il-Kia Avella li tidher fir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 586 Mario

[20] Relazzjoni f'Dok. PV.

[21] Ħin li jidher fuq il-filmati.

Azzopardi li allegatament kienet fil-pussess tal-imputati fl-14 ta' Jannar 2021[22]. Magħdud dan il-fatt illi n-numru ta' reġistrazzjoni ta' din il-vettura ma jintgħarafx mill-filmati minħabba diversi fatturi, fosthom il-kwalita' tal-filmati, id-dawl ta' wara tal-vettura u l-fatt li dan seħħ bil-lejl, u ma jistax għalhekk jiġi stabbilit li din hija l-istess vettura bl-istess pjanċi ta' reġistrazzjoni li kienu qed jużaw proprju l-imputati fl-14 ta' Jannar 2021. Fuq kollox il-fatt illi l-persuni li ħarġu minn din il-vettura qatt ma ġew identifikati bħala l-imputati minn xi xhud okulari jew minn xi indizzju konkret ieħor, bħal xi impronti diġitali elevati mil-lok tas-serqa li jikkombaċċjaw mal-impronti tal-imputati jew wieħed minnhom, li jipponta lejhom bħala l-persuni li dehru fil-filmati joħroġu mill-vettura ġewwa Triq Guze Ellul Mercer Had Dingli fil-lejl bejn l-10 u l-11 ta' Jannar 2021. Wisq anqas bħala l-ko-awturi tas-serq minn ġewwa dan il-fond.

Dan ifisser li l-prova tal-pussess da parti tal-imputat Emmanuel Degabriele ta' *res furtiva* provenjenti mis-serqa in diżamina, u l-prova li *res furtiva* minn din is-serqa ġie misjub ukoll fil-vettura Kia Avella li kelllha pjanċi reġistrati f'isem l-imputat Joseph Galea, huma l-uniċi provi konkreti li għandha quddiemha l-Qorti li jorbtu lill-imputati ma' dan id-delitt. In mankanza ta' provi konklussivi addizzjonali li jidentifikaw pożittivament lill-imputati bħala l-persuni li daħlu jisirqu mill-fond ta' Ian Borg ġewwa Ħad Dingli fil-lejl bejn l-10 u l-11 ta' Jannar 2021, jew ipoġġuhom fuq ix-xena tad-delitt, il-Qorti ma tistax tasal serenament għall-konklużjoni li kienu tassew l-imputati jew wieħed minnhom li kkommettew is-serqa in diżamina. Xejn ma jeskludi li kienu żewġ persuni oħrajn u mhux l-imputati li kienu qegħdin jużaw vettura simili ta' kulur ċar ftit ġranet qabel fis-serqa tar-residenza ta' Ian Borg.

Il-fatt innifsu li hemm provi biżżejjed li juru inkonfutabbilment illi l-imputati kienu fil-pussess ta' xi għodda li nsterqet mir-residenza ta' Ian Borg ġewwa 57, Triq Guże Ellul Mercer Ħad-Dingli fil-lejl bejn l-10 u l-11 ta' Jannar 2021 – fatt li jikkostitwixxi l-unika prova li torbot lill-imputati mas-serqa in diżamina – jiswa biss bħala prova

[22] Rapport Dok. X, minn paġna 283 sa paġna 291 tal-atti tal-kawża.

tajba għall-fini ta' ħtija għar-reat ta' riċettazzjoni[23]. Iżda kif rajna l-imputati ġew mixlija biss b'serq aggravat, u r-reat ta' riċettizzjoni m'huwiex fost dawk li l-imputati ġew mixlija dwarhom fiċ-ċitazzjoni u fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali, għalkemm bħala regola ġenerali, dawn iż-żewġ reati jingħataw bħala imputazzjonijiet alternattivi biex f'każ li ma tinstabx ħtija għar-reat prinċipali ta' serq, ma jkunx eskluż li l-possessur tar-*res furtiva* jinstab ħati sussidjarjament bħala riċettatur.

Kif sewwa ġie sottomess mill-abbli difensur tal-imputat Emmanuel Degabriele, huwa assodat fil-ġurisprudenza iktar riċenti in materja, illi r-reat ta' riċettazzjoni jikkostitwixxi reat *per se stante* u m'huwiex, riferibbilment għar-reat ta' serq, reat minuri u lanqas reat involut u kompriż fir-reat ta' serq. Fuq kollox, ir-riċettatur, li f'ġurisprudenza iktar remota u fis-sistema ġuridika Ingliża, kien ikkunsidrat bħala kompliċi tal-ħalliel, m'għadux ikkunsidrat bħala kompliċi iżda bħala *reo per se stante*. Dan kollu jfisser illi in mankanza ta' imputazzjoni *ad hoc* dwar ir-reat ta' riċettazzjoni fiċ-ċitazzjoni u tal-indikazzjoni tal-artikolu 334 tal-Kap. 9 bħala reat li dwaru tista' tinstab ħtija fl-imputati jew wieħed minnhom, il-Qorti ma tistax issibhom ħatja bħala riċettaturi tal-oġġetti provenjenti mis-serq tal-għodda mir-residenza ta' Ian Borg.

Huwa minnu li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 476(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprospettaw li persuna li ma tinstabx ħatja ta' akkuża tas-serq sempliċi jew ikkwalifikat, tista' tiġi dikjarata ħatja ta' misapproprjazzjoni ta' dak l-oġġett jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 rigward dak l-oġġett, jekk ikun hemm provi ta' dan. Iżada kif sewwa ġie wkoll rilevat mid-difiża, din id-dispożizzjonijiet legali ssib riskontru biss fi proċeduri prosegwiti quddiem il-Qorti Kriminali matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux ukoll fi proċeduri penali li jiġu deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali. Kemm hu hekk, din id-dispożizzjoni legali ma tinsabx fost l-artikoli tal-liġi li jirregolaw il-proċeduri quddiem il-Qorti

[23] Għalkemm l-imputat Degabriele stqarr fl-interrogazzjoni illi l-għodda li kien hemm f'dan il-garaxx hu kien xtrahom mingħand il-ko-imputat Joseph Galea, din l-istqarrija ma tagħmilx prova fil-konfront tal-ko imputat l-ieħor iżda biss kontrih innifsu u ma tistax tkun ta' preġudizzju għall-ko imputat l-ieħor jew xi persuna oħra – Art. 661 tal-Kap. 9.

Kriminali, indikati fl-artikolu 525(1) tal-Kap. 9 bħala applikabbli wkoll għall-Qorti tal-Maġistrati.

Għaldaqstant l-ebda wieħed mill-imputati ma jista' jinstab ħati tar-reat ta' serq ikkwalifkat addebitat fl-ewwel imputazzjoni.

2. **Serqa minn garaxx ġewwa Triq San Ġwann, Ħal Kirkop għad-dannu ta' Kenneth Borg.**

Kenneth Borg xehed illi f'Jannar 2021, meta mar jiftaħ il-garaxx tiegħu ġewwa Triq San Ġwann, Ħal Kirkop għall-ħabta tas-7.15 a.m., sab illi x-xatba tal-għalqa li kienet tkun imsakkra b'katnazz, kienet miftuħa mingħajr il-katnazz. F'din l-għalqa huwa kellu *container* li wkoll kien imsakkar b'katnazz u li fih kien qed iżomm numru ta' għodda li kien juża għax-xogħol tiegħu bħala mekkanik. Dakinhar kien sab il-*container* ukoll mingħajr katnazz u ċirka ħamsa u għoxrin għodod neqsin, fosthom rota tal-kompressur, u għodda oħra speċjalizzat li tintuża fuq vetturi tal-għamla Vokswagen u Audi. Huwa għaraf ir-rota tal-kompressur fir-ritratti mmarkati 21 AEO 124 u 21 AEO 125, kaxxa tal-għodda ta' lewn blu (*compression tester*) fir-ritratti mmarkati 21 AEO 126[24], kaxxa oħra ta' lewn iswed (*dye grinder*) fir-ritratt immarkat 21 AEO 127[25] u kaxxa ta' lewn il-fidda fir-ritratt immarkat 21 AEO 132, liema għodda ġiet elevata mill-pussess ta' Emmanuel Degabriele.

Iżda l-Qorti ma riskontrat ebda prova kwalsiasi li torbot is-serq attwali tal-għodda minn ġewwa l-*container* fi Triq San Ġwann, Ħal Kirkop, mal-imputati jew wieħed minnhom: la provi indizzjarji jew ċirkostanzjali u lanqas xhieda okulari li jqiegħdu lill-imputati jew xi ħaġa konnessa magħhom, fuq ix-xena ta' dan id-delitt. Huwa minnu li xi għodda minn dawk misruqa instabu fil-pussess ta' Emmanuel Degabriele iżda dan il-fatt waħdu mingħajr provi jew indizzji univoċi li jorbtuh sewwasew max-xena tad-delitt b'mod li huwa eskluż kull dubju raġjonevoli li seta' kien xi ħaddieħor li

[24] Din tidher ukoll fir-ritratt 21 AEO 130, paġna 198 tal-atti tal-kawża.
[25] L-istess kaxxa tidher fir-ritratt 21 AE 129, paġna 197 tal-atti tal-kawża.

seraq l-għodda, m'huwiex biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija għar-reat ta' serq li ġie kommess għad-detriment ta' Kenneth Borg.

Fir-rigward tal-imputat Joseph Galea, il-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova kwalsiasi li torbtu mad-delitt jew mal-oġġetti derubati u kif diġa' ġie stabbilit, l-istqarrija ta' Emmanuel Degabriele li kien il-ko imputat Joseph Galea li biegħlu l-għodda li nstabu fil-pussess tiegħu u li possibbilment seraq din l-għodda huwa stess, ma tagħmilx prova kontra l-ko-imputat l-ieħor.

Għaldaqstant, ma tista' ssib ebda wieħed mill-imputati ħati tas-serqa in diżamina u billi ħadd minnhom ma ġie mixli wkoll bir-reat ta' riċettazzjoni, kif ukoll għar-raġunijiet l-oħrajn ġia' mfissrin b'rabta mal-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel imputazzjoni, lanqas tista' tinstab ħtija għar-reat taħt l-artikolu 334 tal-Kap. 9.

3. **Serqa minn sit tal-kostruzzjoni f'Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena, Qrendi fil-lejl bejn is-6 u 7 ta' Jannar 2021**

Fir-rigward, xehdu Alessandro Bonina u Fluvio Romeo li kienu rrapportaw is-serq ta' musmar tal-iskavar tal-valur ta' ċirka €5,000 li kien tħalla taħt l-*excavator* li kien jinsab f'sit ta' kostruzzjoni fil-Qrendi. Is-sid tal-post, Alessandro Bonino, xehed illi għalkemm iċ-ċavetta ma kienetx tħalliet fl-*excavator* meta tlesta x-xogħol il-ġurnata ta' qabel, kien osserva li l-*excavator* kien ġie mċaqlaq minn postu u l-musmar, li huwa tqil ħafna, kien intrefa' minn taħtu u nsteraq.

Ix-xhud Mahmoud Hamd xehed illi huwa kien xtara xi għodda mingħand l-imputat Emmanuel Degabriele għall-ħabta ta' Jannar 2021 u l-imputat kien offra li jbiegħlu wkoll martell ossia musmar ta' *excavator* iżda dan tal-aħħar ma kienx jgħodd għalih u ma kienx xtrah u lanqas kien rah. Imbagħad, Julian Cucciardi, li kien biegħ lill-imputat Joseph Galea vettura Mini Cooper convertible li tidher fir-ritratt Dok. JM3, xehed illi kien ra musmar tal-*hymac* f'din il-vettura meta din kienet ipparkjata taħt il-pont fil-wied bejn Ħaż Żebbuġ u s-Siġġiewi xi gimgħa wara li kien biegħlu l-vettura.

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid illi ma riskontrat ebda prova konkreta jew konklussiva li torbot is-serq ta' dan il-musmar mal-imputati jew wieħed minnhom, la provi indizzjarji univoċi u lanqas xhieda okulari li jqiegħdu lill-imputati jew xi ħaġa konnessa magħhom, fuq ix-xena ta' dan id-delitt. Ma hemm xejn fl-atti u fil-provi li oġġettivament jikkonforta t-teżi tal-Prosekuzzjoni li l-musmar li semma fix-xhieda ta' Julian Cucciardi u Mahmoud Hamd, kien l-istess wieħed li nsteraq mis-sit ta' Alessandro Bonino fil-Qrendi. Mahmoud Hamd ikkonferma li ma kienx ra l-musmar li offrielu l-imputat Emmanuel Degabriele, filwaqt li Julian Cucciardi ma pprovda ebda deskrizzjoni tal-musmar u lanqas seta' jagħti indikazzjoni ċara tad-data jew il-perijodu ta' żmien meta ra l-musmar fil-vettura Mini Cooper.

Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax issib lil xi wieħed mill-ko-imputati ħati tas-serqa in diżamina u lanqas għar-reat ta' riċettazzjoni, mhux biss għaliex ma tressqux provi sodisfaċjenti fil-grad meħtieġ għal sejbien ta' ħtija ta' dan ir-reat, iżda wkoll għaliex fi kwalsiasi każ, l-imputati ma ġewx mixlija bir-reat taħt l-Artikolu 334 tal-Kap. 9.

**4. Serqa minn ġewwa Paul Farmhouse, Triq il-Kappella ta' Santa Marija, Naxxar, Magħtab fis-7 ta' Jannar 2021**

Noel Fenech u Alexander Trajkovic xehdu illi fil-lejl bejn is-6 u s-7 ta' Jannar 2021 kienu nsterqu minn ġos-sit tal-kostruzzjoni in diżamina, diversi għodod di proprjeta' ta' AX Construction Limited, fosthom żewġ *jiggers* kbar, żewġ *chasers*, żewġ *cross cuts*, *grinder*, *mixer* u *vibrator*. Mix-xhieda jirriżulta wkoll li l-għodod fis-sit in diżamina kienu mmarkati bl-ittri AXC u numru[26] għall-fini ta' identifikazzjoni u dawk li nsterqu kellhom valur komplessiv ta' ċirka €8,000. Dawn kienu imsakkrin f'kaxxi li kienu ġewwa kamra fis-sit tal-kostruzzjoni li entrambi kienu msakkrin b'katnazz li ġie sgassat. L-għodda nsterqet bil-kaxxi b'kollox.

[26] Numru li jirrappreżenta s-sit fejn jinstab l-għodda.

Ix-xhud Mahmoud Hamd xehed illi huwa kien xtara *chaser* tad-ditta Metabo, fost għodda oħra, mingħand l-imputat Emmanuel Degabriele għall-ħabta ta' Jannar 2021, liema *chaser* ġiet elevata mill-pussess ta' Mohammed Hamd fis-17 ta' Frar 2021[27]. Dan l-istess *chaser* tad-ditta Metabo intgħaraf minn Noel Fenech fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, bħala ċ-*chaser* li nsteraq minn ġewwa s-sit ta' kostruzzjoni in diżamina fil-lejl bejn is-6 u s-7 ta' Jannar 2021. Imbagħad, Aleksander Trajkovic kif ukoll Lazar Tomavich, fix-xhieda rispettiva tagħhom, għarfu l-*grinder* iswed tad-ditta Metabo li jidher fir-ritratti immarkati 21 AID101, 21 AID102, 21 AID103 u 21 AID 104[28] bħala l-*grinder* li ġie misruq għad-dannu tal-kumpannija AX Construction Limited[29].

Iżda anke hawnhekk, jispikka n-nuqqas assolut ta' provi li jorbtu l-imputati jew xi wieħed minnhom mas-serq tal-kaxxi tal-għodda minn ġewwa s-sit derubat. Il-fatt illi fost l-għodda misruqa kien hemm iċ-*chaser* u l-*grinder* tad-ditta Metabo li ġie ppruvat li kienu fil-pussess tal-imputat Emmanuel Degabriele, m'hux biżżejjed waħdu, mingħajr xi xorta ta' evidenza li torbtu max-xena tad-delitt, bħala prova tabilħaqq li huwa kien ukoll il-ħalliel[30].

Għalhekk il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputati jew xi wieħed minnhom għar-reat addebitat fir-raba' imputazzjoni.

### 5. Serqa minn Triq il-Linja, Ħ'Attard, ta' erba' batteriji minn żewġ vetturi, fil-5 ta' Jannar 2021

Fir-rigward ta' din is-serqa xehed Justin Camilleri li qal li kellu żewġ vetturi, Isuzu Elf bin-numru ta' reġistrazzjoni DCO-203 u trakk DAF bin-numru ta' reġistrazzjoni LDH-875, li kienu parkeġġjati fi Triq il-Linja, Ħ'Attard fil-lejl bejn l-4 u l-5 ta' Jannar 2021. Minn ġo dawn il-vetturi nsterqu erba' batteriji b'kollox, tnejn minn kull vettura, liema

[27] Seizure note, Dok. JM4.
[28] Paġni 206, 207 u 208 tal-atti proċesswali, f'Dok. ED1.
[29] Alexander Trajkovic ikkonferma li l-Pulizija rritornaw dan il-*grinder* lill-kumpannija.
[30] Kif ġia' stabbilit, ebda wieħed mill-imputati ma ġew mixlija bir-reat taħt l-artikolu 334 tal-Kap. 9.

batteriji kien xtrahom ġodda xi sena qabel, b'valur ta' €650. Ma jirriżultax li dawn il-batteriji ġew rintraċċjati jew instabu fil-pussess tal-ko-imputati jew xi ħadd minnhom.

PC 205 Russell Camilleri xehed[31] illi huwa kien ra filmat li kien għaddielu Anthony Bugeja, li fih jidhru żewġ persuni li ma jintgħarfux, għaddejjin fil-ħin tas-2.00 a.m. b'żewġ oġġetti kwadri f'idejhom lejn il-vettura tal-għamla Mini Cooper ta' lewn il-fidda bis-saqaf iswed taċ-ċarruta. Il-pjanċa tal-vettura ma kienetx tidher fil-filmat.

Dan il-filmat ma ġiex esebit fl-atti proċesswali u filwaqt illi x-xhieda ta' xhud b'deskrizzjoni dwar dak li seta' ra minn fuq immaġini jew filmat hija ammissibbli bħala prova, l-assenza tal-prova tal-filmat jew immaġini nnifsu jtellef ħafna mill-valur probatorju tax-xhieda. Il-prova li l-imputat Joseph Galea kien xtara vettura Mini Cooper *convertible* ta' lewn griż b'faxxi suwed m'hijiex biżżejjed biex tinsilet il-konklużjoni li l-vettura li PC 205 ra fil-filmat, hi sewwasew il-vettura tal-imputat Joseph Galea. Għalkemm il-Prosekuzzjoni argumentat illi din il-vettura hija waħda rari ħafna f'Malta, naqset milli tressaq il-prova dwar in-numru ta' vetturi tal-għamla Mini Cooper *convertible* tal-istess kulur jinsabu reġistrati ġewwa Malta u ovvjament, il-Qorti m'hijiex sejra tispekola u tassumi li f'Malta ma jeżistux iktar vetturi ta' din l-għamla u kulur u li għalhekk, il-vettura tal-imputat kienet per forza dik li dehret fil-filmat muri lil PC 205.

Għalhekk, fin-nuqqas ta' provi oħrajn, il-Qorti m'hijiex sejra ssib ħtija fl-imputati għar-reat addebitat fil-ħames imputazzjoni.

**6. Serq aggravat ta' għodda minn fond bla isem u numru fi Triq il-Faqqiegħ, fil-lejl bejn l-4 u l-5 ta' Jannar 2021, għad-dannu ta' Bricon Limited**

Michael Micallef u Darell Galea, li f'Jannar 2021 kienu irrapportaw serqa li saret minn sit tal-kostruzzjoni ġewwa Triq il-Faqqiegħ, Ħ'Attard, xehdu[32] illi kienu nsterqu

[31] Xhieda tas-26 ta' Jannar 2022.
[32] Xhieda tal-25 ta' Ottubru 2021.

ħafna għodda appartenenti lill-kumpannija tagħhom Bricon Limited, minn ġewwa waħda mill-erba' vilel taħt kostruzzjoni li kienu qegħdin jaħdmu fihom. Mix-xhieda jirriżulta illi l-bieb tal-garaxx tal-imsemmija kien instab miftuħ, għad mhux sgassat, u dan minkejja li Michael Micallef xehed li hu ċert li kien sakkar dan il-bieb meta telaq minn fuq is-sit il-lejl ta' qabel. Ġie kkonfermat ukoll li fost l-għodda li nstab nieqes kien hemm *chaser*, *hoover*, *grinder*, żewġ pompi u *jigger* tad-ditta Dewalt, li flimkien kellhom valur ta' bejn €2,000 u €3,000. Il-*jigger* ta' lewn isfar, elevat mill-Pulizija mill-pussess ta' Mahmoud Hamd u esebit materjalment fl-atti proċesswali[33], intgħaraf minn Michael Micallef kif ukoll minn Darrell Galea bħala l-*jigger* tal-kumpannija Bricon Limited li kienu rrapportawh misruq mis-sit tal-kostruzzjoni in diżamina.

Fir-rigward ġew prodotti żewġ filmati elevati minn CCTV cameras fl-akkwati tas-sit derubat[34]. Il-Qorti rat il-filmati esebiti fl-atti u setgħet tikkostata li tassew jidher vettura tal-għamla Mini Cooper ta' lewn abjad jew ċar għaddejja mit-triq fejn seħħet is-serqa[35] iżda minħabba d-dlam u minħabba wkoll id-distanza mill-*camera*, li kellhom impatt negattiv fuq il-kwalita' tal-filmat, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura m'huwiex identifikabbli. Aktar minn hekk, kuntrarjament għal dak li xehed PS 3 Kevin Grima u dak li jidher fir-ritratti minnu esebiti Dok. KG2 sa Dok. KG6, ma hemm ebda filmat f'Dok. KG1 li juri żewġ persuni għaddejjin maġenb ir-residenza derubata[36].

Abbażi ta' dawn il-provi biss, il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputati jew xi ħadd minnhom. Il-fatt illi jidher vettura tal-għamla Mini Cooper għaddejja fit-triq fil-ħin approssimattiv tas-serqa, filwaqt li jista' jqajjem suspett li kienet l-istess vettura li dehret fil-filmati tas-serqa ta' batteriji minn vetturi pparkjati ġewwa Triq il-Linja, Ħ'Attard u wkoll li possibbilment kienet il-vettura tal-imputat Joseph Galea, b'ebda

---

33 Dok. JM17.

34 CD Dok. KG1 – paġna 458 tal-att. Ara wkoll sett ta' ritratti Dok. KG2 sa Dok. KG6 – paġna 459.

35 Id-data u l-ħin tal-filmati f'Dok. KG1 ma jidhrux fl-istess filmat, u lanqas m'hemm prova tajba tac-chain of custody tal-filmat, u lanqas xehdet il-persuna li pprovdiet l-istess filmat lill-Pulizija.

36 F'kull każ, il-fatt li l-persuni suspettati li jidhru fir-ritratti allegatament meħuda minn filmati ta' CCTV camera m'humiex identifikabbli, ġie affermat sia l-Ispettur Joseph Mercieca kif ukoll PS 3 Kevin Grima fit-testimonjanza rispettiva tagħhom.

qies tal-immaġinazzjoni jikkostitwixxi prova konkreta dwar il-ħtija tal-imsemmi imputat mingħajr indizzji konkreti oħrajn li kien proprju hu l-persuna li daħa jisraq mis-sit in diżamina.

In kwantu għall-imputat Emmanuel Degabriele, kif diġa' ngħad ripetutament, il-fatt li kien fil-pussess ta' *res furtiva* provenjenti minn din is-serqa, m'hijiex prova biżżejjed tal-ħtija tiegħu għar-reat ta' serq.

Ikkunsidrat;

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti biex tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet konkludenti abbażi tal-istħarriġ tal-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni in konnessjoni ma' kull waħda mis-serqiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni.

Huwa minnu li hemm diversi indizzji li jorbotu wħud mis-serqiet flimkien, fosthom il-fatt illi s-serqiet kollha (għajr waħda) seħħew minn ġewwa siti ta' kostruzzjoni jew postijiet fejn kien qed isir xogħol bl-użu ta' għodda, il-fatt li lkoll saru fuq medda ta' ftit ġranet u fuq kollox, il-fatt illi għadd ta' għodda fosthom uħud minn dawk misruqa nstabu fil-pussess tal-imputati jew xi wieħed minnhom. Tabilħaqq ukoll il-provi juru illi ntużaw vetturi simili f'uħud mis-serqiet: wieħed mill-uffiċjali tal-Pulizija li investiga s-serqa ta' għodda minn ġewwa sit fi Triq il-Faqqiegħ, Ħ'Attard, identifika vettura Mini Cooper *convertible* ta' lewn il-fidda u saqaf iswed minn filmati li madanakollu ma ġewx esebiti fl-atti, filwaqt li Mini Cooper ta' lewn ċar tidher ukoll f'filmati esebiti in konnessjoni ma' serqa oħra[37]. Jinsab ippruvat mix-xhieda ta' Julian Cucciardi - li kien biegħ lill-imputat Joseph Galea vettura Mini Cooper bl-istess deskrizzjoni - illi darba minnhom huwa ra l-vettura li biegħlu b'musmar tal-*hymac* fuq is-seat tal-passiġġier, filwaqt illi minn wieħed mis-siti derubati[38] tabilħaqq kien insteraq musmar tal-*hymac*.

---

[37] Is-serqa mertu tal-ħames imputazzjoni għad-dannu ta' Justin Camilleri.
[38] Is-serqa mertu tat-tielet imputazzjoni għad-dannu ta' Alessandro Bonina.

Magħdud dan kollu l-fatt illi jirriżulta mill-provi li l-imputati ġew arrestati ġewwa sit tal-kostruzzjoni f'Ħal Qormi fl-14 ta' Jannar 2021, ftit ġranet biss wara li seħħew is-serqiet l-oħra kollha addebitati lilhom f'din il-kawża, u l-fatt li fil-vettura Kia Avella li jidher li setgħet[39] kienet relatata ma' din is-serqa u li kellha pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' vettura oħra li jirriżulta li kienet inbiegħet lill-imputat Joseph Galea, instabu xi għodda provenjenti mis-serqa li seħħet fil-5 ta' Jannar 2021 minn ġewwa 57, Triq Guże Ellul Mercer, Ħad Dingli. Huwa minnu wkoll li vettura li *possibbilment* hi tal-għamla Kia Avella, tidher fil-filmati formanti parti mir-relazzjoni Dok JM[40] għaddejja minn din l-istess triq matul il-lejla meta twettqet is-serqa mill-fond appena msemmi. Hemm ukoll il-fatt illi ġew elevati mill-pussess tal-imputat Emmanuel Degabriele, minn ġewwa garaxx f'Ħaż Żebbuġ, numru ta' għodda provenjenti minn uħud mis-serqiet li dwarhom l-imputati qed jiġu mixlija f'din il-kawża, filwaqt li huwa ppruvat ukoll li l-imputat Emmanuel Degabriele biegħ lil terzi xi għodda provenjenti minn żewġ serqiet iżda li dwarhom ma ġie stabbilit ebda konnessjoni oħra mal-imputati jew xi ħadd minnhom.

Tassew, minn dan kollu, il-Qorti tislet suspett leġittimu u raġjonevoli li huwa ferm possibbli kienu l-imputati nfushom li kkommettew is-serqiet imsemmijin fiċ-ċitazzjoni iżda, bħalma hu risaput, il-Qorti ma tiddeċidix dwar il-ħtija kriminali abbażi ta' spekolazzjoni u konġetturi u lanqas abbażi ta' probabbilita' li ma ssarrafx f'sikurezza morali. U f'dan il-każ il-Qorti ma tħossx li l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni in kwantu għal kull serqa msemmija fiċ-ċitazzjoni, ilaħħqu l-grad ta' ċertezza morali dwar il-ħtija tal-imputati Joseph Galea u jew Emmanuel Degabriele għal dawk is-serqiet. Dan qed jingħad għaliex il-provi m'humiex konkreti jew konklussivi biżżejjed, lanqas meta kkunsidrati u evalwati fl-assjem tagħhom, biex inisslu konvinċiment morali li kienu tassew l-imputat/i u l-imputat/i l-persuna/i li daħlu jisirqu mill-fondi jew siti taħt kostruzzjoni imsemmija fiċ-ċitazzjoni.

---

[39] Ara xhieda tal-Ispettur Roderick Agius 3 ta' Marzu 2022. Iżda din hija biss allegazzjoni li trid tiġi ppruvata fil-proċeduri l-oħra fil-konfront tal-imputati u għalhekk, kif diġa' ngħad, din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li l-vettura verament intużat f'xi serqa ohra mhux mertu ta' dan il-każ odjern.

[40] Relazzjoni Jonathan Mizzi, paġna 40 *et sequitur* tal-*proces-verbal* Dok. PV.

L-indizzji li jorbtu l-imputat Joseph Galea mas-serqiet, bħal (i) il-fatt li xtara vettura Mini Cooper *convertible* li hija l-istess għamla u sfumatura tal-vettura li dehret fil-filmat dwar is-serqa addebitata fis-sitt imputazzjoni u tal-istess kulur tal-vettura Mini Cooper li ra PC 205 Russell Camilleri iżda ma ġiex esebit fl-atti[41], u (ii) l-fatt li fil-vettura li l-istess imputat kien allegatament qiegħed juża biss ftit ġranet wara s-serqiet mertu ta' dan il-każ - tal-għamla Kia Avella li kellha l-pjanċi ta' vettura mibjugħa lilu - instabu oġġetti misruqin provenjenti mis-serqa ta' Ħad Dingli[42] fejn fil-filmati elevati wkoll jidher vettura li *possibbilment iżda mhux konklussivament* hija tal-għamla Kia Avella ddur fl-akkwati tal-fond misruq fil-ħin approssimattiv tas-serqa, jikkonsistu f'evidenza ċirkostanzjali li la hija univoka u lanqas konklussiva u mhux rikonstrabbli fiha xi indizzju li jipponta unikament, konkretament u inkonfutabbilment lejn l-imputat Joseph Galea bħala l-ħalliel li daħal jisraq mill-imsemmi fond derubat. Fil-fatt, kif sewwa ġie sottomess mid-difiża, din il-vettura la ġiet esebita quddiem din il-Qorti fl-atti proċesswali u lanqas ġie ppruvat kif imiss li ġew elevati minnha xi oġġetti jew traċċi li jappartjenu lil Joseph Galea, hekk per eżempju xi profil ta' DNA jew data dattiloskopika. F'kull każ, din is-serqa hija l-mertu ta' proċeduri kriminali separati fejn il-ko-imputati għadhom preżunti innoċenti, u l-ħtija o meno tagħhom għall-istess serqa m'hijiex fil-mira tal-istħarriġ u deċiżjoni li trid tagħmel din il-Qorti f'din il-kawża.

Kwantu għall-indizzji li jorbtu lill-imputat Emmanuel Degabriele mal-kommissjoni tas-serqiet addebitati lilu, dawn huma ferm u ferm iktar ekwivoċi u dgħajfin għaliex l-uniku ness li ġie stabbilit mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni hu l-pussess tiegħu ta' oġġetti provenjenti minn uħud mis-serqiet mertu tal-kawża u xejn iktar.

Tassew fl-atti proċesswali nsibu ħafna provi indiretti li jorbtu lill-imputati jew wieħed minnhom ma' xi wħud mis-serqiet, iżda dawn ma jilħqux la individwalment u lanqas komplessivament, prova li telimina kull dubju dettat mir-raġuni li kienu l-imputati u ħadd iktar, il-persuni li effettivament daħlu biex jisirqu mill-postijiet indikati fiċ-

[41] Serqa minn vetturi pparkjati f'Triq il-Linja, Ħ'Attard.
[42] L-ewwel imputazzjoni.

ċitazzjoni. Kemm hu hekk, l-ebda wieħed mill-imputati ma ġie identifikat minn xi xhud okulari jew jintgħaraf f'xi filmat bħala l-ħalliel jew bħala persuna preżenti fl-akkwati u l-ħinijiet tad-delitti u lanqas ma jista' jiġi stabbilit b'mod deċiżiv li l-vetturi li dehru fl-akkwati ta' wħud mis-serqiet huma effettivament dawk li ntużaw fis-serqiet rispettivi wisq inqas li l-imputati kienu l-persuni rekbin f'dawn il-vetturi.

Kif ġie ritenut in materja tal-livell ta' prova meħtieġ għal sejbien ta' ħtija kriminali:-

*"19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.*

*20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."*[43]

Iżda dan il-livell ta' sikurezza ma ntlaħaqx fil-każ in diżamina u ma ġiex riskontrat fil-provi dwar ebda waħda mill-imputazzjonijiet individwali dwar serq. Il-Qorti ma tistax

[43] **Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq**, deċiża 24.6.2021 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

tiġbor u torbot flimkien l-indizzji u l-provi li nġiebu dwar is-serqiet kollha biex abbażi tal-assjem tal-provi, tasal għal xi konklużjoni dwar il-ħtija tal-imputati għal xi waħda jew oħra mis-serqiet individwali. Għalhekk, għalkemm b'mod ġenerali, ix-xenarju li pinġiet il-Prosekuzzjoni bil-provi li ressqet quddiem il-Qorti, inissel il-konvinċiment li possibbilment kienu l-ko-imputati odjerni jew xi ħadd minnhom li wettqu s-serqiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni, għaliex għal bosta mis-serqiet hemm provi in komun kif ukoll xebħ in kwantu dak li għandu x'jaqsam ma' vetturi involuti u x-xorta tar-*res furtiva* kif ukoll iż-żmien tat-twettiq tar-reati, l-ebda waħda mill-imputazzjonijiet individwali ta' serq m'huma ppruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Konsegwentement, l-imputati lanqas jistgħu jinstabu ħatja li huma reċidivi u l-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni dwar dan l-addebitu.

**Għaldaqstant, ma ssib lil ebda wieħed mill-imputati ħati ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom u filwaqt li tillibera lil JOSEPH GALEA u lil EMMANUEL DEGABRIELE minn kull ħtija u piena, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva fil-konfront tagħhom.**

**Għall-fini tal-artikolu 674(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li l-*jigger* ta' lewn isfar tal-marka Dewalt (KA 61/2022) Dok, JM17, jiġi rilaxxat lil Bricon Limited.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**